# IL-MILIED IT-TAJJEB!

*Ta' Ġ. BORG PANTALLERESCO*

*Lill-Kavalier Professur Ġużè Galea.*

Il-Milied
ma sabni qatt hekk għajjien,
hekk monotonu
u fqir mill-ħsibijiet;
imma f'qalbi
insib għalik
bewsa ta' missier
u xewqat sbieħ
ta' ħafna snin oħra
ta' faraġ u ferħ
li jżommu l-wardiet fuq ħaddejk,
tbissima ħelwa fuq xofftejk

u qalb imżejna b'imħabba
għal kull min jersaq lejk.
Għajjien,
mitluf fil-frugħa
li taħkem u tkidd lil kull ħlejqa,
il-bniedem ifittex, bla jsib
mistrieħ;
il-faraġ ta' qalbu għajjiena;
hu waħdu
jitolbu
bla jaqla' l-ħelsien tiegħu.
Qalbu tingħasar,
tidbiel,
imħabbtu jagħti 'l min ma jafx iżommha
u jmur iroddha f'mandra tal-bnedmin
fejn ħadd aktar ma jqejjes
l-għemejjel ta' xulxin.